**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 474/2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**-Vs-**

**SEBASTIAN GRIMA**

**Illum, 12 ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **SEBASTIAN GRIMA**, ta' 51 sena, iben Lawrence u Maria nee' Borg, imwieled Pieta' nhar it-02 ta' Ottubru 1968, residenti ġewwa 25, Maple Leaf Place, Triq Karm Debono, Qormi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0419268M, tressaq quddiemha akkużat talli nhar is-17 ta' Settembru 2020 u/jew fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer, f'diversi ħinijiet:-

1. Ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Jacqueline Grima, u b'mod li kien taf jew li messu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju għal Jacqueline Grima, bl-aggravju li l-persuna offiża ta' dan ir-reat għalqet is-sittin sena jew iktar;

2. Bl-imġieba tiegħu, ikkanġuna lil Jacqueline Grima il-biża li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra il-propjeta tagħha jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha, bl-aggravju li l-persuna offiża ta' dan ir-reat għalqet is-sittin sena jew iktar;

3. Għamel inġurji jew theddid lil Jacqueline Grima, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Jacqueline Grima, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza,.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba titratta dan il-kas bħala wieħed ta' vjolenza domestika

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati[1];

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-18 ta’ Awwissu 2021 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 18, 251A(1)(a), 251A(1)(b), 251A(1)(ċ), 251A(2), 251(A)(4), 251Ċ, 251H, 251HA, 202, 222(1), 222A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Saret korrezzjoni fl-akkużi fis-seduta tat-18 ta’ Settembru 2020.

2. Fl-artikoli 18, 251B(1), 251BA(1)(b)(i), 251BA(1)(b)(ii), 251BA(5), 251H, 251HA, 202, 222(1), 222A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2021 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni, il-parte ċivili u d-difiża waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli li aġixxa b'mod li kkaġuna fastidju lil martu Jacqueline Grima u li bl-imġieba tiegħu ġiegħlha wkoll tibża' li ser tintuża vjolenza kontriha u jew kontra xi waħda mill-persuni msemmija fl-Artiklu 251B tal-Kodiċi Kriminali. Jinsab mixli wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Fir-retroxxena ta' din l-azzjoni kriminali, insibu diżgwid familjari u żwieġ imkisser, bil-koppja għaddejja minn proċess litiġjuż ta' separazzjoni. Għalkemm ir-relazzjoni personali bejn l-imputat u martu jirriżulta li kienet ilha li sfaxxat u kienu ilhom erba' snin ma jorqdu flimkien, meta seħħew il-fatti mertu ta' dan il-każ huma kienu għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf fid-dar matrimonjali f'Ħal Qormi. Fil-mori tal-proċeduri jirriżulta li l-partijiet ikkonkludew kuntratt ta' separazzjoni personali iżda

fiż-żmien meta sar ir-rapport li ta lok għal din l-azzjoni fil-konfront tal-imputat, Sebastian Grima, is-sitwazzjoni bejn il-koppja kienet diffiċli, skomda u ta' dwejjaq u m'hemmx dubju li l-partijiet kienu mdejqin jgħixu flimkien f'din is-sitwazzjoni. Kemm hu hekk, il-Qorti fehmet li l-intervent tal-avukati rispettivi tal-partijiet kien meħtieġ biex jiġu regolati anke l-iktar aspetti trivjali tal-konvivenza tal-partijiet fosthom it-tisjir u l-ħlas tal-kontijiet tal-utilitajiet.

Ikkunsidrat;

Fis-17 ta' Settembru 2020, Jacqueline Grima, il-parti leża f'dawn il-proċeduri, irrapportat lill-Pulizija[2] li żewġha l-imputat kien heddidha li ser joqtol lil ommha, Irrapportat ukoll illi waqt argoment ieħor li kellhom il-ġurnata ta' qabel, l-imputat kien għamlilha mossi b'idejh li għaliha kienu jfissru li kienet ser tispiċċa f'siġġu tar-roti kif ukoll qalilha l-kliem li "*dan għadu l-bidu u għadek ma tafx kemm ser tibki*". Dan l-argoment tas-16 ta' Settembru 2020 inqala' meta hija marret tbaxxi n-nar tal-cooker waqt li l-imputat kien qed isajjar, għaliex beżgħet li kien ser jagħmel foga fid-dar.

Dawn iż-żewġ argomenti (kif ukoll argoment ieħor li kellhom fil-15 ta' Settembru 2020) Jacqueline Grima irrekordjathom fuq it-telefon ċellulari tagħha u l-*audio recordings* relattivi ġew esebiti fuq usb drive fl-atti (Dok. JG1) u ġew ukoll traskritti fuq ordni tal-Qorti mill-espert nominat minnha[3].

**Jacqueline Grima**, fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti spjegat li fis-17 ta' Settembru 2020 hija kienet riedqa bħas-soltu fil-*living room* fejn kienet ilha torqod għall-aħħar erba' snin u għall-ħabta tas-6.15 a.m l-imputat niżel fil-kċina u xegħel id-dawl, beda jgħalli l-ilma għall-misħun u reġa' tela' 'l fuq. Filwaqt li kien tiela' t-taraġ semgħetu jgħid "*yupp*" u għaliha dak kien ifisser li ħalla d-dawl jixgħel apposta u għalhekk tfiet id-dawl u bdiet tirrekordja bil-mobile. Kif l-imputat reġa' niżel minn fuq, reġa'

[2] Ara xhieda Spettur Kevin Pulis, 29 ta' April 2021, u current incident report, Dok. KP1.
[3] Ara traskrizzjonijiet Dok. KV2, KV3 u KV4, folio 108 *et sequitur*.

xegħel id-dawl tal-kċina biex jagħmel il-kafe' u hemmhekk inbeda argoment dwar x'kellu jagħmel l-imputat biex fil-għodu ma jqajjimhiex[4]. Xehdet illi l-imputat waqt l-argoment qalilha "*ma tafx kemm għadek trid tibki inti*" u "*attenta moħħok hemm għax illum ħlistha, moħħok hemm għax illum wasalt*". Meta staqsietu "*wasalt għal x'hiex?*", hu weġbha "*noqtollok lil ommok*". Hi ma tafx jekk l-imputat kienx jaf li kienet qiegħda tirrekordjah dak il-ħin. Qalet ukoll li għajjarha "*qaħba*".

Xehdet ukoll dwar l-argoment li kellha mal-imputat il-ġurnata ta' qabel, 16 ta' Settembru 2020 filgħaxija, meta l-imputat kien qed isajjar: hi xehdet "*u jiena dehrli li kellu l-fjamma għolja wisq u seta' jaħraq l-ikel li kien qed isajjar u jagħmilli foga ġod-dar*".

Dwar l-argoment li kellhom fil-15 ta' Settembru 2020, xehdet illi dan inqala' meta hija urietu li kienet ħallset il-bilanċ dovut fuq il-kont tad-dawl. Xehdet illi hawnhekk l-imputat beda jgħidilha li kienet tiġri mal-irġiel.

Waqt id-depożizzjoni tagħha, Jacqueline Grima xehdet illi f'mument minnhom matul wieħed minn dawn it-tliet argomenti, l-imputat qalilha wkoll li "*ried itellana t-tlieta*" u hi fehmet li b'dan il-kliem l-imputat ried ifisser li ser itella' lilha u liż-żewġ uliedhom il-qorti. Qalet ukoll li b'referenza għat-tifel il-kbir, Karl, l-imputat qalilha "*nitfagħhulek frankuni*" u "*nirraħ imut jitkaxkar bil-mutur*" iżda l-ebda wieħed minn uliedha ma kien preżenti matul dawn l-argomenti.

Fid-depożizzjoni tagħha quddiem il-Qorti, Jacqueline Grima xehdet ukoll li hija kienet tibża' mill-imputat għaliex ta' spiss kien jgħidilha li jrid joqtolha u li ser jitfagħha f'*wheelchair*.

Hi xehdet hekk:-

[4] Xhieda Jacqueline Grima tal-15 ta' Ottubru 2020, fol. 44.

"*... on the 17th wara li ġara dan kollu, għidt speċi jiena ġraw l-affarijiet issa wisq wara xulxin. Daħlet fija l-biża' li jiġri xi ħaġa lili u lil uliedi u f'dak il-każ kien semma wkoll lill-mummy, il-mummy wkoll. U ħassejt li ma stajtx nibqa' nieħu dik ir-responsabbilita'.*"[5]

Fix-xhieda tagħha fissret ukoll:-

"*apparti li jiena l-biża' dejjem kienet dejjem tkun fuqi kull x'ħin, ikun wasal il-ħin li jidħol id-dar, għax dejjem ma nafx x'ser jiġri, dakinhar ħassejt biża'. Il-fatt li apparti lili u lil uliedi semma' wkoll il-mummy. Bdejt nibża' li ħa nasal fi stat jekk ħa nibqgħu sejrin hekk li ħa jiġri xi ħaġa kbira. ... għax tgħid kien ilu li jrid jitfagħni ġo wheelchair, lit-tfal ... lil wieħed qallu għalija it-tlieta mejtin, lill-ieħor qallu għad irrid noqtlok.*"[6]

Meta reġgħet xehdet fid-19 ta' Novembru 2020 fuq talba tal-Avukat Ġenerali, Jacqueline Grima żiedet tgħid li fis-17 ta' Settembru 2020, l-imputat kien taha daqqa ġo widnejha. Imbagħad meta reġgħet xehdet fid-29 ta' April 2021, qalet ukoll li minħabba din id-daqqa, widnejha kienet qed tuġagħha u kienet ftit ħamra. Qalet illi għalkemm marret il-polyclinic, ma kienetx ingħatat ċertifikat mediku peress li kienet diġa' għamlet rapport lill-Pulizija dwar l-inċident[7].

**L-imputat, Sebastian Grima**, kemm fl-istqarrija li huwa rrilaxxa matul l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija fis-17 ta' Settembru 2020 kif ukoll fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, jisħaq illi huwa għex l-aħħar erba' snin ta' żwieġ bħal priġunier ġo daru minħabba l-problemi psikoloġiċi li qal li jbati minnhom wieħed minn uliedu, problemi li martu dejjem innegat li jeżistu. Spjega illi dawn il-problemi wasslu għall-kollass totali taż-żwieġ tiegħu għaliex ibnu kien jikmanda kollox tant illi ma kienx iħalli lil ommu, ċioe' martu il-parti leża f'dawn il-proċeduri, torqod miegħu u fil-fatt martu għamlet l-aħħar erba' snin torqod waħedha fuq is-sufan isfel. Ġieli

[5] Xhieda ta' Jacqueline Grima, 15 ta' Ottubru 2020.
[6] Xhieda ta' Jacqueline Grima, 15 ta' Ottubru 2020, fol. 49 u 49.
[7] Xhieda tad-19 ta' Novembru 2020.

għamel xhur ma jara lil martu, apparti li seta' juża biss tliet ikmamar fid-dar u diversi drabi kellu jagħmel sad-9.00 p.m. barra mid-dar biex fuq talba ta' martu, ma jinzertax lit-tifel huwa u dieħel fid-dar.

L-imputat xehed illi matul il-proċeduri ta' separazzjoni, huwa u martu spiċċaw ma jitkellmux anke meta t-tifel ma kienx id-dar, u l-kuntatt bejniethom kien ta' biss ħames minuti f'ġurnata meta jinżel fil-għodu jagħmel kafe' u l-ħobż u jitlaq 'il barra. Dan għaliex bl-intervent tal-avukati rispettivi tagħhom, għamlu ftehim li huwa seta' jibqa' jgħix id-dar, juża l-affarijiet u ma jitkellmux, sakemm isir konvenju għall-bejgħ tad-dar f'liema każ ikollu joħroġ mid-dar minnufih.  Huwa seta' juża biss il-kamra tas-sodda u l-kċina u kif kien jidħol id-dar, kien jibqa' tiela' 'l fuq, jinħasel, jinżel jiekol u jidħol ġos-sodda.  Ma setax juża lanqas iż-żewġ garaxxijiet li għandhom:-

"*Waqt il-medjazzjoni sakemm ftiehmna, nitkellmu through l-avukat, trid twaqqaf li tkellimni.  Jiġifieri ma nistax insajjar, skont ir-regolamenti, cooker ma nużahx, il-forn ma nistax insajjar, kafe' tiġi miegħi, tiġi ħdejja titfihuli.*"[8]

Qal ukoll li kien jagħmel tmiem il-ġimgħa sħiħ maqful fil-kamra tiegħu "*għax jekk noħroġ il-Ħadd, tgħajjat miegħi, tgħidli ħriġt tpejjep ... tgħidlu quddiem (it-tifel) b'għajjat, inżilt tpejjep?  Jien chain smoker għamilt erba' snin ma npejjipx id-dar, Sibt u Ħadd maqful ġewwa kamra.  Ħriġt għax family counsellor qalli li ħa tmur il-baħar.*"

L-imputat fisser ukoll li fil-ġranet meta nqalgħu l-argomenti li wasslu għal dawn il-proċeduri, martu kienet qiegħda tipprova taqbad miegħu u l-ħin kollu tmur ħdejh. Fir-rigward tal-argoment dwar il-kont tad-dawl u l-ilma, xehed illi kien qalilha biex tkellmu permezz tal-avukat ħalli jevitaw l-argomenti iżda martu kompliet tgħid:-

"*... qed ngħidlek tagħmel sigħat, siegħa minn tal-inqas tparla ħdejk ...* (dwar il-) *kontijiet tad-dawl.  Għidli sfidani biex inkellimha, tisfidani biex inkellimha. Ħallini ħa*

[8] Xhieda tal-imputat, 12 ta' Mejju 2022.

*nsajjar. ... Lanqas sajjart sura ta' nies, kilt u tellajt l-ikel fuq u kiltu ġol-kamra tas-sodda.*"

Dwar l-argoment li nqala' meta martu ġiet tifilu n-nar tal-cooker, l-imputat xehed illi hi marret ħdejh "*tbaxxili u titfili ... miegħi niġġieldu man-knob. Niġġieldu man-knob.*"

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel żewġ imputazzjonijiet jaddebitaw lill-imputat ir-reati taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 u r-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, rispettivament.

Dwar l-element kostituttiv tar-reati kemm taħt l-Artikolu 251A kif ukoll taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, huwa paċifiku fl-insenjament ġurisprudenzjali in materja illi jeħtieġ li jintwera li "*l-imgieba*" tal-aġent tar-reat, tammonta għal *a course of conduct.* Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "*imgieba*" f'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet legali kif ukoll, kwantu għar-reat taħt l-Artikolu 251B, mill-kliem tal-ligi: "*… lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet*". Barra minn hekk, kwantu ghar-reat ta' fastidju taht l-Artikolu 251A, jinghad li l-element tal-kondotta ripetuta huwa inerenti fit-tifsira nnifisha tal-kelma fastidju.

In propositu tar-reat ta' fastidju (*harassment*), intqal hekk f'**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.):-

"*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '**it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct**' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP*

*(2001) 165 JP 800; C v CPS ). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580).*"[9]

Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ reati partikolari u l-ħtieġa tal-prova tal-element materjali ta' *a course of conduct,* issir ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada**[10] fejn gie ritenut:-

"*Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* <u>*Il-Pulizija vs James Demanuele*</u> *deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"... Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qatgħa: ("alarming") jew idejjaq: ("causing distress") lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "**Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose**", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxxena*** *u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali :* <u>*"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"*</u> *[21.6.07] :-*

[9] Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. - B2.140 p.285. Emfasi tal-Qorti.

[10] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciz 2.05.2013.

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien****." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha." Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.* ***Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi***."[11]

Element ieħor kostituttiv tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, oltre għall-prova ta' atti materjali konsistenti f'manifestazzjoni ta' theddid ta' vjolenza, huwa l-biża' li dawn l-atti jkunu effettivament ikkaġunaw lis-soggett passiv tar-reat: biża' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew tal-persuni msemmija fl-artikolu tal-liġi. Għalkemm il-prova rikjesta hija ta' stat ta' emozzjoni soġġettiva, din tista' tigi deżunta wkoll oġġettivament miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra tapplika dan l-insenjament għall-fatti tal-kaz in diżamina kif joħorgu mill-provi, biex tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok, l-imġieba tiegħu fil-konfront ta' martu kienetx tali li qanqal fiha biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra uliedha jew ommha, kif maħsub fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9 u jekk ġiex ippruvat imġieba da parti tal-imputat li jsarraf f'fastidju kif prospettat fl-Artikolu 251A.

[11] Emfasi tal-Qorti.

Kif ingħad, il-parti leża xehdet illi minħabba l-imġieba tal-imputat fid-dar matrimonjali u speċifikatament minħabba t-tliet argomenti li kellhom tliet ijiem in fila, fil-15, 16 u 17 ta' Settembru 2020: "*Daħħlet fija l-biża' li jiġri xi ħaġa lili u lill-uliedi u f'dak il-każ kien semma l-mummy*".

Iżda l-Qorti ma hija xejn affattu konvinta bil-veraċita' ta' din id-dikjarazzjoni. Ibda biex jekk wieħed janalizza x-xhieda u l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar dawn l-episodji, qajla huwa riskontrabbli xi element soġġettiv ta' biża' li huwa deżumibbli minn xi att materjali mwettaq deliberatament mill-imputat jew miċ-ċirkostanzi oġġettivi tal-każ. Kif rajna, jeħtieġ li l-Qorti tkun moralment konvinta illi l-vittma effettivament beżgħet għas-sigurta` personali u inkolumita` fizika tagħha minħabba xi imġieba tal-imputat u li din l-imġieba ħolqot allarm u dwejjaq fil-vittma.

Per eżempju, fir-rigward tal-episodju tas-17 ta' Settembru 2020 filgħodu, il-Qorti qajla tifhem kif il-parti leża, li mkien ma qalet li żewġha avviċinaha, iddeċidiet li tmur hija stess ħdejn l-imputat u tinsisti li jixgħel it-torċ tal-mobile, minflok baqgħet fuq is-sufan. Tistenna li jekk wieħed jibża' minn persuna oħra minħabba l-imġieba tagħha, dak li jkun ma jmurx ħdejn il-persuna l-oħra u jirrekordjaha meta effettivament dik il-persuna ma tkun għamlet xejn biex iqanqal xi biża' jew allarm f'dak il-waqt partikolari. Jacqueline Grima xehdet "*beda jiżvolġi hekk l-argoment*" iżda wara analiżi tal-provi fir-rigward, jirriżulta li dan l-argoment ġie effettivament ipprovokat minnha stess biex tirrekordja lill-imputat - li sadanittant, ma kien immanifesta l-ebda att estern ta' theddid jew fastidju. Il-Qorti wara li semgħet ir-recording relattiv, fehmet illi Jacqueline Grima bdiet targumenta mal-imputat dwar kif għandu jagħmel biex lilha ma jqajjimhiex, ħaġa li hija assurda meta tqis li l-partijiet kienu għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni fejn ftit li xejn jistennew ko-operazzjoni min-naħa l-oħra speċjalment fuq materji tant trivjali li ma setgħux tqanqlu ħlief biex jipprovokaw argoment.

Waqt l-interrogazzjoni tiegħu, l-imputat stqarr hekk, b'referenza għall-argoment tas-17 ta' Settembru 2020:-

"*Jien xogħli fis-sitta, nidħol fis-sebgħa, nsajjar, niekol u nitla' norqod għax ħadd ma jkellimni. ... Inżilt fis-sitta ħa nagħmel il-kafe', ila ma torqod miegħi erba' snin, torqod isfel. ... X'tort għandi jien? ... X'tagħmel biex tixgħel il-gas fis-sitta ta' filgħodu jkun id-dlam? Tixgħel id-dawl. Tqum bum titfih. ... Irritaljajt u xgħeltu. Għidtilha ħa nagħmel belgħa kafe' x'inhu jtik? Hekk sejrin.*"

Huwa stqarr ukoll li martu kienet qed "*tipprova tagħmilli vendikazzjoni sempliċement għaliex xegħlt id-dawl*"[12] u fil-ġabra tal-provi kollha l-Qorti tqis li din il-verżjoni hija verosimili u ma hija xejn affattu konvinta li l-fatt li l-imputat ħalla d-dawl jixgħel jew reġa' xegħel id-dawl tal-kċina, ikkaġuna fil-parti leża dak is-sentiment ta' ansjeta' u dwejjaq li huwa rikjest mil-liġi għall-ħtija tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9. Kemm hu hekk, il-Qorti tinnota li b'referenza għall-fatt li l-imputat reġa' xegħel id-dawl, il-parti leża qalet hekk: "*Qas jien minix ħa niddejjaq nerġa' nitfihulek*"[13].

Huwa minnu li l-imputat qal lil martu fl-argoment tas-17 ta' Settembru 2020 li ser jismotha, iżda l-użu tal-kelma "*nisomtok*" fiċ-ċirkostanzi u fil-kuntest tad-diżgwid li qalgħet bil-fatt illi l-parti leża stess marret titfilu d-dawl u marret ħdejh biex jinstema' fir-*recording*[14] meta kien qed qed jipprepara kikkra kafe', ftit li xejn jista' jittieħed bħala theddida fis-sens li trid tfisser il-parti leża.

Wisq inqas tista' tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tal-parti leża u lir-recording tal-15 ta' Settembru 2020 bħala prova ta' imġieba li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, meta jirriżulta illi kienet il-parti leża nnifisha li qabel avviċinat lill-imputat, xegħlet ir-*recorder* u marret tbaxxilu n-nar waqt li kien qed isajjar. Dak li jinftiehem mingħajr wisq sforz mis-smigħ tar-recording hu li l-parti leża imponiet fuq żewġha biex ibaxxi

[12] Fol. 116.
[13] Fol. 109.
[14] Fir-rigward, l-imputat fl-istqarrija, qal: "Mur għidilha (lill-avukata) ma rridtx inħallih jagħmel it-te".

n-nar u minkejja li l-imputat wissiha biex ma tibqax tindaħal u ddejqu, il-ħin kollu jgħidilha biex tmur 'l hemm[15], hi ma riditx twarrab u minflok, qaltlu: "... *imma jiena ħa nindaħal*" – b'referenza għat-tisjir. Huwa evidenti li hawnhekk il-parti leża, meta ma jirriżultax li talbitu preventivament biex ibaxxi n-nar, ma setgħet tistenna xejn inqas minn tilwima mal-imputat f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Anke l-fatt li l-parti leża fis-16 ta' Settembru 2020, xegħlet ir-*recording* addirittura **qabel** marret tgħarraf lill-imputat li ħallset sehemha mill-kont tad-dawl u talbitu jħallas sehmu mill-kontijiet l-oħra, huwa indikattiv ta' nuqqas ta' spontanejta' u ta' intenzjoni mhux għal kollox ġenwina fir-rikordjar tal-konversazzjoni relattiva.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti semgħet l-*audio recordings,* esebiti fl-atti fuq usb drive (Dok. JG1) u debitament traskritti, mill-bidu sal-aħħar tagħhom u minnufih tinnota li dawn ir-*recordings* ma sarux **matul il-kors ta' argoment jew tilwma bejn il-koppja** u biex il-parti leża jkollha prova tal-allegat imġieba tal-imputat li kien qed tikkaġunalha biża' jew fastidju. Għall-kuntrarju, jirriżulta li f'kull wieħed mit-tliet episodji li ġew rikordjati, **il-parti leża bdiet tirrekordja bit-telefon ċellulari tagħha minn tabilħaqq qabel ikun inqala' l-argoment, addirittura qabel ikun sar xi skambju ta' kliem, tant illi f'kull wieħed minn dawn l-episodji, jirriżulta li kienet il-parti leża nnifisha u hi biss li qanqlet il-kuntatt u diskors mal-imputat mingħajr ma ġiet indirizzata qabel b'xi mod mill-imputat**: fil-15 ta' Settembru 2020 Jacqueline Grima interveniet fil-mod kif kien qed isajjar l-imputat u baxxietlu n-nar tal-cooker; l-għada ikkonfrontatu bil-ħlas tal-kontijiet tal-utilitajiet u fil-għodu tal-għada 17 ta' Settembru 2020, tfiet id-dawl li l-imputat kien xegħel kif niżel filgħodu biex jagħmel kafe' fil-kċina u bdiet tirrekordja.

Illi fil-fehma tal-Qorti, ir-*recordings* esebiti mill-parti leża nnifisha jikkontradixxu bl-iktar mod manifest l-allegazzjoni li hija kienet tibza' mill-imputat u li l-imġieba tiegħu

[15] Ara fol. 120.

qanqal fiha xi biża'. Jikkontradixxu wkoll id-dikjarazzjoni tagħha waqt li kienet qed tixhed in kontro-eżami, li hija kienet tagħmel minn kollox biex tevita lill-imputat "*sforz il-biża li kelli*"[16]. Għall-Qorti huwa evidenti li hija mhux talli ma evitatx lill-imputat iżda għamlet tabirruħha li tqanqal materji li messha kienet taf tajjeb li kienu ser joħolqu ċertu diżgwid u fis-sitwazzjoni partikolari ta' din il-koppja, wieħed seta' raġjonevolment jistenna li s-sitwazzjoni tiddeġenera fi skambju ta' insulti u tgħajjir, kif effettivament ġara.

Wara li rat il-provi, semgħet ix-xhieda kif ukoll l-*audio recordings,* il-Qorti mhux biss fehmet li mhux verosimili li l-parti leża beżgħet minn żewġha u kienet qed tipprova tevitah, talli tqis li hu evidenti li kien l-imputat li effettivament kien qed jipprova jevita lil martu u dan billi kien, b'mod ġenerali, jipprova jevita kemm jista' jkun li jkun id-dar tant li kien jagħmel minn filgħodu kmieni sa filgħaxija barra. Jirriżulta wkoll illi effettivament, l-imputat ftit li xejn kellu liberta' biex jimmanuvra fid-dar matrimonjali[17], fejn kull pass li jagħmel kien qed jiġi interpretat bħala manuvra ta' fastidju[18]. Fil-fatt, minn dak li stqarr l-imputat fl-interrogazzjoni tiegħu u mix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, jirriżulta illi biex isajjar u juża l-cooker fid-dar matrimonjali, l-imputat kellu jitlob permess tramite l-legali tiegħu[19] u speċifikatament, il-Qorti fehmet li kull meta l-imputat ikun qed isajjar xi ħaġa tal-ikel, martu taqla' argument[20].

Fir-rigward, l-imputat qal hekk fl-istqarrija tiegħu:-

"*Hi provokazzjoni l-ħin kollu, l-ħin kollu u tgħdili bis-sewwa jew bid-dnewwa titlaq minn hawn ... Għamel one plus one u ifimha, naf x'inhi tipprova tagħmel, naf x'inhi tipprova tagħmel, u emails mingħand l-avukata tagħha biex jien nitlaq 'il barra...*"

---

[16] Xhieda tad-29 ta' Marzu 2022.
[17] *"Jien skjav id-dar"*.
[18] Qal: "*Titfagħli l-kliem ġo ħalqi ...*" – fol. 103. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-imputat li kien hemm żmien meta huwa kellu jagħti pre-avviż lil martu tal-ħin li bi ħsiebu jidħol id-dar, u hemm qbil ukoll li huwa aċċetta li joħroġ mid-dar matrimonjali kif appena jiġi konkluż konvenju għall-bejgħ tad-dar ċioe' qabel din effettivament tinbiegħ.
[19] *email biex insajjar kellha tibagħtilha lil avukata*" – fol. 105.
[20] Fol. 112.

Mill-*audio recordings* huwa wkoll evidenti li l-imputat kien qiegħed kontinwament jitlob lil martu tħallih bil-kwiet u twarrab: "*Iva ersaq ħallini!*"[21]; "*Oqgħod kwieta naqra x'inhu jtik? X'inhu jtik?*"; "*Ħallini ħa nsajjar, iva din ta' kuljum?*"[22]; "*U oqgħod kwieta ħallini nsajjar*"[23]; "*Mur 'l hemm oqgħod kwieta*"; "*Oqgħod kwieta*"; "*Anki l-Ħadd issapportejtek kont bil-ġuħ ma dħaltx niekol, shh oqgħod kwieta, oqgħod kwieta, oqgħod kwieta*"[24]; "*Oqgħod kwieta ħallini niekol*"; "*Qed nixwi, ħallini nixwi*".[25]

Għandu jiġi osservat ukoll illi t-ton ta' leħen il-parti leża u tal-kliem li qalet fit-tliet argomenti li qanqlet mal-imputat, kif jirriżulta mill-*audio recordings*, ma jagħmlu xejn biex jikkonvinċu li hija kienet qed tibża' mill-imputat jew li kienet qed tħossha mdejqa jew allarmata bi kliemu jew bl-imġieba tiegħu. Għall-kuntrarju u kif ġia' ngħad, mis-smigħ tar-*recordings* il-Qorti fehmet li dawn l-episodji tqanqlu deliberatament mill-parti leża sewwasew biex tiġi provokata rejazzjoni fl-imputat u biex, kif qal huwa stess, "*tpoġġi l-kliem f'ħalqu*" u dan meta hi mhux biss qabdet ma' materji li minnhom infushom huma kapaċi jnisslu diżgwid, iżda kompliet iġġebbed il-kuntatt u d-diskors mal-imputat. Magħdud dan ir-ripetizzjoni ovvja u kontinwa da parti tal-parti leża, tal-kliem li suppost qal l-imputat, li tkompli tnaqqax kull sembjanza ta' genwinita' tal-intenzjonijiet tagħha f'dawn l-episodji.

"*X'għamillek issa? X'għamillek issa? X'għamillek issa?*"[26]

"*X'tagħmel? X'tagħmel? X'tagħmel?*"[27]

Huwa wkoll manifest li l-parti leża, anzicche' tħossha mbeżżża', kienet qed tisfida lill-imputat: hekk per eżempju, meta l-imputat qalilha "*... hawn intik u noqtlok*", hija wieġbet: "*Tini tini oqtolni*" u "*erġa' missni tara mmurx, erġa' minnu ħa tara mmurx*

---

[21] Fol. 122.
[22] Fol. 124.
[23] Fol. 125.
[24] Fol. 130.
[25] Fol. 131.
[26] Fol. 122.
[27] Fol. 123.

(tirrapporta lill-Pulizija)". Imbagħad, f'okkażjoni oħra, meta l-imputat talabha biex tħallih bi kwietu: "*Oqgħod ħa niekol, oqgħod kwieta*", hi wieġbet "*Ħallik milli oqgħod kwieta*" u sfidatu wkoll biex joħroġ mill-kamra tas-sodda u tibda torqod hemm hi minfloku: "*oħroġli minn ġol-kamra tas-sodda.*"[28] Qaltlu wkoll: "*Itfagħni ġo wheelchair ehe. Isa ipprova itfagħni ġo wheelchair ħa tara fejn issib ruħek imbagħad.*"[29]

Fir-rigward, l-imputat kien stqarr hekk waqt l-interrogazzjoni: "*Hi tgħidlek mintix ħa tbeżżani lili. Mintix ħa tbeżżani, minitix ħa tbeżżani billi qed issajjar. Jiena noqgħod għassa miegħek meta ssajjar.*"[30]

Din l-imġieba tal-parti leża ma hija xejn kompatibbli ma' allarm u dwejjaq u l-Qorti tqis li kieku kienet verament tibża' mill-imputat u tiddejjaq bl-imġieba tiegħu, ma kienetx tara kif tagħmel biex ittawwal il-kuntatt u diskors mal-imputat, wisq inqas tibda hija stess il-kuntatt miegħu u tibqa' tisfidah. Dan kollu magħdud, fil-fehma tal-Qorti, ma jagħmel xejn biex jissostanzja l-akkuża li l-imputat kien qed iġib ruħu b'mod li kien qed jallarma lil martu jew jqiegħda taħt pressjoni b'xi imġieba persistenti. **Speċifikatament, fl-atteġġjament u t-ton tal-parti leża f'dawn l-*audio recordings* l-Qorti ma tirravviża l-ebda xejra ta' biża' iżda biss determinazzjoni biex tkompli tisfida u targomenta biex tintrappola lil żewġha bl-egħmil ta' xi mossa jew b'xi kelma li tista' tintuża' biex issaħħaħ il-verzjoni tagħha dwar l-allegat ambjent ta' theddid u biża' fid-dar matrimonjali**.

Ikkunsidrat;

Illi speċifikatament il-Qorti tqis li ma ġiex ippruvat fil-grad meħtieġ mil-liġi li l-imputat ġab ruħu b'kondotta li qanqal f'martu biża' li ser ikun vjolenti fil-konfront ta' ommha. Il-parti leża fix-xhieda tagħha semmiet biss li hi u żewġha kien ikollhom

---

[28] Fol. 111.

[29] Fir-rigward, l-imputat stqarr hekk waqt l-interrogazzjoni: "*Tipprova tgħidli tal-wheelchair, titfani ġo wheelchair tgħdili, tgħidli ejja għidli li ħa titfani ġo wheelchair*" – fol. 103.

[30] Fol. 104.

argumenti dwar flus li kienet silfet lil missierha sittax jew sbatax-il sena qabel, iżda ma ressqet l-ebda prova dwar imġieba ossia kondotta ripetuta da parti tal-imputat li raġjonevolment nisslet biża' ta' vjolenza fil-konfront ta' ommha. Huwa minnu li fir-*recording* tas-17 ta' Settembru 2020 l-imputat jinstema' jgħid "*noqtollok lil ommok?*" iżda din id-dikjarazzjoni ma għandha x'taqsam xejn mal-kuntest tal-argoment li kien għaddej dak il-ħin. Filwaqt li dikjarazzjoni bħal din hija kundannabbli, iżda meħuda waħedha u bħala risposta għad-domanda tal-parti leża ("*fejn ħa tasal?*"), ma tistax tikkostitwixxi dik il-kondotta ripetuta li teħtieġ il-liġi fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9. Kemm hu hekk, m'hemmx prova ta' okkażjoni oħra separata fejn l-imputat qal xi kliem jew aġixxa b'mod li qanqal biża' f'martu jew f'ommha li ser iwettaq vjolenza fuq omm il-parti leża. Barra dan, jirriżulta wkoll illi meta l-imputat qal il-kliem "*noqtollok lil ommok?*", martu bdiet tisfidah u reġgħet saqsietu ripetutament biex itenni dak li kien appena qal, rejazzjoni li qajla jinstema' fiha xi xejra ta' allarm jew biża' iżda pjuttost xejra ta' rabja.

Imbagħad, fir-rigward tal-allegat biza' li l-imġieba tal-imputat seta' qanqal fil-parti leża biża' għall-inkolumita' ta' wliedha, il-Qorti tosserva li l-kliem ta' theddid u vjolenza fil-konfront ta' xi ħadd minn ulied il-partijiet, imsemmi minn Jacqueline Grima fid-depożizzjoni tagħha, ma jistgħux jitqiesu bħala prova ta' episodji li jikkostitwixxu imġieba tal-imputat li jikkaġuna biża' ta' vjolenza. Dan qed jingħad għaliex fix-xhieda tagħha, Jacqueline Grima naqset milli tispeċifika l-partikolaritajiet fosthom taż-żmien meta seħħew dawn l-episodji ta' theddid li hija tallega li sar b'referenza għal uliedhom. In kwantu speċifikatament il-kliem "*nirraħ imut ikaxkar bil-mutur*"[31] u "*nitfgħu frankuni*" il-Qorti ma tqisx li dan jiswa bħala imġieba li hi kapaċi tqanqal biża' li l-imputat sejjer jagħmel xi att ta' vjolenza fuq xi ħadd minn uliedhom. Imbagħad, jekk il-parti leża nnifisha ma kienetx ċerta x'ried jgħid eżatt l-imputat bil-kliem ("*itellana t-tlieta*")[32], ma tistax tgħid fl-istess nifs li dan rawwem

[31] Fol. 48.

[32] "ried itellana it-tlieta. Ma nafx eżatt x'ried ifisser biha, jiena naħseb li ried ifisser li ried itellana l-Qorti" – fol. 47

biża' fiha u f'kull każ, ma hemm xejn tal-biża' għas-sigurta' fiżika li individwu jiġi mħarrek fi proċeduri ġudizzjarji.

Wara kollox, it-theddid fih innifsu mhux neċessarjament jikkostitwixxi **waħdu** l-element materjali tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 – biex twassal għal dikjarazzjoni ta' ħtija, it-theddid irid isir f'iktar minn okkażjoni ta' darba u fuq kollox irid isarraf fi kliem jew imġieba li effettivament irawwmu allarm u dwejjaq u jew jagħtu qatgħa lis-soġġett passiv ta' dan ir-reat. U din il-prova ma nġabitx fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti.

Illi kif ingħad, Jacqueline Grima xehdet espressament fir-rigward ta' tliet argomenti li seħħew fil-15 ta' Settembru 2020, fis-16 ta' Settembru 2020 u fis-17 ta' Settembru 2020 u għalkemm semmiet b'mod ġenerali istanzi oħrajn fejn l-imputat heddidha li kien ser jitfagħha ġo wheelchair u kien ukoll refa' idejh fuq uliedhom u lil wieħed minnhom kien qallu li jrid joqtlu, hija baqgħet ma fissritx meta dawn l-inċidenti seħħew u l-ebda wieħed minn ulied il-partijiet ma xehed quddiem il-Qorti f'dawn il-proċeduri fir-rigward ta' dawn l-allegati istanzi ta' theddid u vjolenza.

Għalkemm fl-atti jinsabu esebiti tliet *current incident reports* oħrajn, li tnejn minnhom saru minn Jacqueline Grima u l-ieħor minn binha Lorin Grima fir-rigward ta' episodji fejn allegatament l-imputat kien vjolenti u jew kien heddidhom, il-Qorti tosserva li lil hinn mill-fatt li ħadd ma xehed quddiemha dwar l-allegati fatti mertu ta' dawn ir-rapporti, dawn l-istess rapporti lkoll jirreferu għal inċidenti li seħħew fis-sena 2019 u 2018[33]. Billi ż-żmien tar-reati addebitati lill-imputat huwa ċirkoskritt fiċ-Ċitazzjoni għax-xhur ta' qabel Settembru 2020, l-ebda wieħed minn dawn l-eposidji ta' vjolenza jew theddid li evidentement seħħew ferm iktar minn ftit xhur qabel Settembru 2020, ma jista' jittieħed in konsiderazzjoni għall-fini ta' din l-azzjoni.

Ikkunsidrat;

---

[33] Ir-rapport tal-31 ta' Ottubru 2018 (Dok. KP3, fol. 167) ma sarx fir-rigward ta' inċident ta' vjolenza domestika iżda biss dwar nuqqas ta' qbil bejn il-parti leża u l-imputat dwar xirja.

Illi t-teżi tal-Prosekuzzjoni u tal-parti leża fir-rigward tal-allegat fastidju, hi li din tikkonsisti fit-tgħajjir fosthom il-kelma "*qaħba*" u theddid da parti tal-imputat, liema tgħajjir u theddid iweġġa' lilha u membri tal-familja tagħha. Fil-fatt, fl-*audio recordings*, l-imputat jinstema' jgħajjar lil martu ripetutament bil-kelma "*qaħba*", "*pulċinella*", "*mejta bil-ġuħ*", "*pixxatur*", "bewwiela" u għajjar ukoll lil missierha.

Iżda jirriżulta wkoll illi fl-istess waqt, il-parti leża ma qagħditx lura milli tgħajjar hija stess lill-imputat: ripetutament tinstema' tgħajru "*Tertuqa. Tertuqa. Tertuqa. Tertuqa*"[34] fost oħrajn, u minkejja li jgħidilha "*Oqgħod kwieta. Oqgħod kwieta*", hija twieġbu "*Le mhux oqgħod kwieta jekk tparla fil-vojt inti inparla fil-vojt jien*" u tkompli tgħajru[35].

Fil-fehma tal-Qorti, it-tgħajjir kontinwu li tinstema' fl-*audio recordings*, għalkemm m'huwa xejn pjaċevoli, ma tqanqal l-ebda xejra ta' vjolenza psikoloġika jew sensazzjoni ta' oppressjoni inġusta. Effettivament, il-kondotta tal-imputat f'dan il-każ ma ssarrafx, fil-fehma tal-Qorti, f'dik il-kondotta li jrid jippunixxi l-leġislatur fl-Artikolu 251A tal-Kap. 9, għaliex it-tgħajjir li semmiet il-parti leża fix-xhieda tagħha ma ntqalx f'kuntest ta' imġieba ripetuta tal-imputat li kienet intiża jew li setgħet raġjonevolment tikkaġuna pressjoni jew ansjeta', iżda intqal f'kuntest ta' tilwim bejn koppja li qed tissepara.

Skont il-Blackstone[36]:-

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or*

---

[34] Recording tal-15 ta' Settembru 2020.

[35] Fol. 131 u 132. Imbagħad, matul l-argoment li seħħ fis-16 ta' Settembru 2020, kienet Jacqueline Grima nnifisha li heddet illi sejra twaqqaf il-ħlas tal-kontijiet bid-direct debit minkejja li l-imputat mhux biss fl-ebda waqt ma qal li mhux ser iħallas sehmu mill-kontijiet, talli jinstema' rassiguraha ripetutament li ser iħallas kollox.

[36] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.

*lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised.* ***A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment; it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.****"* [emfasi tal-Qorti]

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Falzon**[37], il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret illi:-

"*... hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. ... Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.*"

Għalkemm huwa minnu li kif diġa' ngħad, dawn l-insulti, inġurji u kliem ta' tgħajjir joffendu u setgħu verament dejqu lill-parti leża sa ċertu punt, għaliex it-theddid u t-tgħajjir huma indubbjament azzjonijiet ostili u ta' stmerrija li fihom infushom iqanqlu ċertu grad ta' dwejjaq fil-vittma, **il-Qorti ma tistax twarrab il-kuntest li fihom intqalu, kuntest li ġie xprunat minn instigazzjoni da parti ta' Jacqueline Grima nnifisa li, kuntrarjament għal dak li xehdet, ċioe' li tara kif tagħmel biex tevita lill-imputat u biex ma tinzertahx fid-dar matrimonjali, rat kif għamlet biex tavviċina lill-imputat u tqanqal hija stess diskors jew toħloq hija stess sitwazzjoni antipatika għall-imputat, bir-*recording* diġa' preventivament mixgħul**.

[37] Deciza fit-28 ta' Novembru 2018.

Fil-fehma tal-Qorti, tgħajjir bħal dak riskontrat fl-*audio recordings* in diżamina ma jistax jikkostitwixxi l-'fastidju' prospettat mill-Artikolu 251A tal-Kap 9 meta dan jintqal fil-kors ta' argoment ipprovokat mill-allegat vittma. *Multo magis* meta fil-kuntest partikolari, jeżisti storja twila ta' tilwim bejn il-partijiet kif ukoll evidenza ċara li dawn l-azzjonijiet tal-imputat tqanqlu wara konfrontazzjoni mhux biss deliberata iżda wkoll inoltrata u estiża mill-parti leża ferm u ferm lil hinn minn dak li huwa raġjonevoli - u ma kienux azzjonijiet spontaneji tal-imputat imwettqa bil-ħsieb li jdejjaq lil martu. Dan il-kliem ta' theddid u tgħajjir ma jistgħux jittieħdu in iżolament iżda jridu jitpoġġew fil-kuntest tat-tilwim bejn il-partijiet u l-mod kif effettivament l-argomenti li matulhom intqal dan id-diskors, tqanqlu.

Fi kliem ieħor, il-Qorti m'hijiex konvinta illi dawn l-azzjonijiet jammontaw għal fastidju għall-parti leża għaliex hi mhux biss ma evitatx li jkollha kuntatt mal-imputat, il-persuna li allegatament qed jagħtiha fastidju - ħaġa li bla dubju wieħed jistenna mill-vittma tar-reat ta' fastidju – iżda fittxet hija stess il-konfront mal-imputat billi istigat materji li messha kienet taf tajjeb li kienu ser iqanqlu ċertu diżgwid bejniethom u li, fis-sitwazzjoni partikolari tagħhom, seta' raġjonevolment jiddeġenera f'litanija ta' insulti u tgħajjir. Kemm hu hekk, il-Qorti wara li semgħet l-*audio recordings* u x-xhieda tal-partijiet, fehmet li huma kienu ferm imdorrijin b'din ix-xorta ta' tilwim. Fir-realta', il-Qorti ma tistenna xejn inqas minn koppja li għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni, fejn qegħdin jgħixu ħajja separata iżda taħt l-istess saqaf fejn kien hemm diżwid evidenti bejniethom, fejn l-imputat kien qed jiġi interpellat jitlaq mid-dar matrimonjali u fejn il-movimenti tiegħu kienu kontinwament taħt l-iskrutinju ta' martu li fit-tliet ġranet mertu tal-akkużi odjerni, rat kif qanqlet argomenti fuq materji li messet kienet taf li ser idejqu lil żewġha[38].

Huwa wkoll notevoli kif il-kliem ta' tgħajjir intqal l-iktar **wara** li l-parti leża evidentement kompliet tibbattibekka u ttawwal il-konfront mal-imputat billi tirrepeti

[38] Kif rajna, l-argoment tqajjem fuq materja wisq pwereli – biex juża d-dawl tat-torċ biex jagħmel it-te, għax qajjimha, jew biex tgħdili li ħallset sehemha tal-kontijet.

*ad nauseam* ukoll hija stess, kliem ta tgħajjir fil-konfront tal-imputat, anke wara li għamilha ċar ripetutament biex tħallih bi kwietu[39]. Il-Qorti qajla tifhem x'kienet qed tistenna l-parti leża b'din ix-xorta ta' atteġġjament provokattiv fejn hu evidenti li fittxet opportunita' biex tqanqal rejazzjoni ostili fl-imputat.

F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti mhux biss tqis li l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni u l-parti ċivile ma jissodisfawx il-vot tal-liġi biex tinstab ħtija fl-imputat għar-reati taħt l-Artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9, talli hija wkoll tal-fehma konvinta illi l-verżjoni tal-imputat hija ppruvata sal-grad tal-probabbli u tqis li fiċ-ċirkostanzi għandha tagħti affidabbilita' lil din il-verżjoni tiegħu.

Ikkunsidrat;

Fl-istess waqt iżda, huwa indiskuss illi l-imputat għamel inġurji u theddid lil martu li huwa serju u li m'huwiex ġustifikat lanqas fl-isfond tat-tentattivi evidenti ta' martu biex tipprovoka rejazzjoni mingħandu: effettivament, il-kliem ta' tgħajjir fuq ċitat kif ukoll it-theddida li ser joqtol lil omm martu, ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-kuntest tal-argomenti li matulhom intqal il-kliem ta' theddid u tgħajjir. Għaldaqstant l-imputat sejjer jinstab ħati tar-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikllolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali indika li tista' tinstab ħtija fl-imputat taħt l-Artikolu 222(1) tal-Kap. 9 bl-aggravanti taħt l-Artikolu 202 u l-Artikolu 222A tal-istess Kap. 9. Madanakollu, il-Qorti tosserva li minkejja l-fatt illi dan ir-reat ġie effettivament indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, l-imputat ma ġiex mixli li kkaġuna offiża lil martu. Inoltre, ir-reat taħt l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 ma jiffigurax fost l-akkużi miġjuba fiċ-Ċitazzjoni u l-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbet l-ebda korrezzjoni fl-istess Ċitazzjoni biex tiżdied imputazzjoni u

[39] Fil-fatt, għajjarha "*pixxatur*" biss wara li għajritu "*tertuq*" ripetutament.

taddebita r-reat taħt l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 u l-aggravanti relattivi lill-imputat b'zieda mal-imputazzjonijiet l-oħra.

Il-Qorti ma tqisx illi r-reat taħt l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 huwa reat kompriż u involut fir-reat ta' biża' ta' vjolenza jew ta' fastidju għaliex dawn ir-reati tal-aħħar ma jirrikjedux bħala element kostituttiv tagħhom, ħsara fiżika jew morali kif imfisser fl-Artikoli 214 *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali iżda biss sentiment ta' allarm, dwejjaq jew biża' ikkaġunat minn kondotta li ma tinvolvix neċessarjament il-kuntatt fiżiku u għaldaqstant, hija prekluża milli ssib ħtija għal dan ir-reat taħt l-Artikolu 221 tal-Kap. 9,

Kif inhuwa paċifikatament ritenut fil-ġurisprudenza in materja:-

"*Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francesco sive Godwin Scerri, l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju jirriflettu l-imputazzjonijiet originali. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz. F' dan il-kaz fl-akkuzi originarjament migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva – l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju li hija riflessjoni ta' l-akkuzi mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva – imkien ma kien hemm referenza ghal xi cirkostanza aggravanti kif kontemplata fl-imsemmi l-Artikolu 33A li kienet qed tigi addebitata lill-esponenti. U ghalhekk ma setghetx il-Qorti tal-Magistrati tmur oltre "l-fattispecji partikolari tal-kaz" kif prospettati fic-Citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Jean Pierre Mifsud, fejn kienet qamet kwistjoni dwar jekk il-Qorti setghetx issib htija ta' pussess aggravat ta' medicina psikotropika meta tali aggravanti ma kienitx giet indikata fic-citazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet rriteniet li, bhal fil-kaz ta' kull aggravanti iehor f' reati taht il-Kodici Kriminali u kull ligi specjali ohra ta' indoli penali, l-aggravanti iridu jiffiguraw fl-*

*akkuza biex il-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom u ssib htija taghhom u l-Qorti tistax* (*recte.* ma tistax) *issib htija ta' dan l-aggravanti fuq inizjattiva taghha stess ...'*[40]

Illi fi kwalsiasi każ, anke kieku għal mument il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat fiċ-Ċitazzjoni bir-reat taħt l-Artikolu 221 tal-Kap. 9, il-Qorti tosserva illi għalkemm hu minnu li Jacqueline Grima xehdet li waqt l-argoment li kellha ma' żewġha fis-17 ta' Settembru 2020, huwa taha daqqa f'widnejha, madanakollu ma jirriżultax illi hija rapportat din l-allegat offiża lill-Pulizija. Kemm hu hekk, fil-verżjoni tagħha kif jirriżulta mill-*current incident report* tas-17 ta' Settembru 2020, hija ma ssemmix li l-imputat taha daqqa f'widnejha dakinhar. Inoltre, meta xehdet minn jeddha fil-15 ta' Ottubru 2020, l-istess parti leża baqgħet ma għamlet l-ebda aċċenn għad-daqqa li l-imputat allegatament taha f'widnejha waqt l-argoment tas-17 ta' Settembru 2020. Imbagħad, meta reġgħet xehdet fid-19 ta' Novembru 2020 biex tgħid li kienet qalgħet daqqa f'widnejha, Jacquline Grima naqset milli tispeċifika f'liema waqt tal-argoment qalgħet din id-daqqa, b'hiex qalgħet id-daqqa u rqaqat oħra relevanti biex tqiegħed din l-allegazzjoni f'kuntest.

Barra dan, il-Qorti tqis illi r-riċetta medika esebita fl-atti mill-parti leża[41], għalkemm hija datata 17 ta' Settembru 2020, ma tikkostitwixxix prova tal-fatt li l-imputat taha daqqa f'widnejha għaliex m'hemm xejn fil-provi li jorbot il-mediċina preskritta f'din ir-riċetta ma' xi aggressjoni da parti tal-imputat u f'kull każ, dan iċ-ċerifikat ma ġiex sorrett mix-xhieda tal-tabib li rrilaxxah biex ifisser x'wassal biex jippreskrivi din il-mediċina partikolari u l-funzjonijiet ta' din il-mediċina.

Għalhekk taħt l-ebda ċirkostanza ma jista' l-imputat jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 221 tal-Kap. 9, wisq inqas tal-aggravanti msemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

[40] **Il-Pulizija vs David Norbert Schembri** – deciza mill-Qorti tal-Appell 18.2.2020.
[41] Dok. X, 13 ta' Ottubru 2021.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lil SEBASTIAN GRIMA ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artiklu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tat-tielet imputazzjoni u tikkundannah ammenda ta' tmienja u ħamsin Euro (€58).**

**Għall-fini tal-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti tas-somma ta' tmienja u għoxrin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€28.76), rappreżentanti terz (1/3) tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri[42].**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex ma jimmolestjax u ma jheddidx lil Jacqueline Grima u dan taħt penali ta' elf Euro (€1,000), għal żmien tnax-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[42] Dr. Katya Vassallo, Dok, KV1, KV2, KV3 u KV4, total ta' €86.28.